MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 53/2011

**Borg Cardona & Company Limited**

**Vs**

**Francesco Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Borg Cardona & Company Limited fil-25 ta’ Frar 2011 permezz ta’ liema titlob li Francesco Calleja jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ erbat elef tlett mija wiehed u tletin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€4,331.78) rapprezentanti ammont bilancjali dovut lilha ghall-merkanzija konsistenti f’kaxxi tal-bajd tal-plastic mibjugha u konsenjati lilu; bl-imghax legali dekoribbli mis-27 ta’ April 2010, id-data ta’ l-ahhar konsenja, sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tad-9 ta’ Frar 2011 kontra l-konvenut;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta’ liema jeccepixxi li: (i) it-talba attrici ghall-hlas tas-somma imsemmija fir-Rikors promotur ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, bhala infondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa, fil-kwalità tieghu personali, qatt ma xtara w akkwista ebda merkanzija minghandha; (ii) ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu u s-socjetà attrici u ghalhekk ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; u (iii) fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-ammont reklamat mhux dovut;

Semghet ix-xhieda ta’ Nigel Borg Cardona moghtija waqt is-seduti tat-13 ta’ Ottubru 2011[1] u tat-13 ta’ Frar 2012[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 13 sa’ 18 tal-process, semghet ix-xhieda in subizzjoni tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2011[3] u x-xhieda ta’ Zakkarija Calleja moghtija waqt is-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut permezz ta’ Nota npprezentata fit-13 ta’ Frar 2012 markati Dok. “FC1” sa’ Dok. “FC4” a fol. 32 sa’ 36 tal-process u permezz ta’ Nota pprezentata fit-22 ta’ Marzu 2012 markat Dok. “FC5” a fol. 40 u 41 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-Difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ €4,331.78 rapprezentanti ammont bilancjali dovut lilha ghal merkanzija konsistenti f’kaxxi tal-bajd tal-plastic mibjugha u konsenjati lilu. Il-konvenut jilqa’ ghat-talba attrici billi jeccepixxi li huwa fil-kwalità tieghu personali qatt ma xtara w akkwista ebda merkanzija minghand is-socjetà attrici u

[1] Fol. 19 sa’ 21 tal-process.
[2] Fol. 37 u 38 tal-process.
[3] Fol. 22 sa’ 23 tal-process.
[4] Fol. 27 sa’ 30 tal-process.

li ghalhekk ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejniethom b’dana li ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Jeccepixxi wkoll li fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat mhux dovut.

Ma hemmx dubju li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mill-konvenut bl-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tieghu u cioè jekk il-konvenut huwiex o meno il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici. Jekk din il-kwistjoni tigi determinata fl-affermattiv, u cioè li l-konvenut huwa tassew il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici, jista’ jigi investit il-meritu tal-proceduri u cioè jekk l-ammont ta’ €4,331.78 pretiz mis-socjetà attrici huwiex lilha effettivament dovut u b’hekk tigi trattata anke t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut huwa il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici trid tkun konvinta, imqar fuq bazi *prima facie*, li huwa fil-kwalità tieghu personali kien effettivament u materjalment parti fin-negozju li skond is-socjetà attrici holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Tali prova jehtieg li ssir mis-socjetà attrici in kwantu hija hi li qed taddebita lill-konvenut obbligazzjoni li tesigi li tigi minnu saldata w onorata[5]. Ghall-fini li taghmel tali prova s-socjetà attrici esebiet il-fatturi li jirrapprezentaw l-ammont ta’ €4,331.78 minnha pretiz u ressqet bhala xhieda lil Nigel Borg Cardona, lill-konvenut in subizzjoni u lil Zakkarija Calleja li, tramite s-socjetà St. Joseph Farm Limited, huwa l-proprjetarju tas-St. Joseph Farm.

L-ewwel element li jispikka mill-provi prodotti mis-socjetà attrici huwa li l-fatturi meritu ta’ dawn il-proceduri[6] gew kollha indirizzati lil St. Joseph Farm, li ukoll kien klijent tas-socjetà attrici, u nhargu fuq il-kont bir-referenza STJONX li huwa appuntu l-kont ta’ St. Joseph Farm mas-socjetà attrici. Apparte minn hekk jirrizulta wkoll li l-kaxxi tal-bajd tal-plastic akkwistati minghand is-socjetà attrici

[5] Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et, Citaz. Nru. 1365/92 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001.
[6] Fol. 13 sa’ 18 tal-process.

gew kollha u dejjem konsenjati ghand u accettati minn St. Joseph Farm u dana anke fiz-zmien wara li l-konvenut temm l-impjieg tieghu mas-socjetà St. Joseph Farm Limited fit-30 ta' Settembru 2009[7].

Nonostante dak li kjarament johrog minn dawn id-dokumenti – u cioè li ma jirrizultax, imqar fuq bazi *prima facie*, li l-konvenut fil-kwalità tieghunpersonali kien materjalment involut fin-negozju li ta lok ghall-obbligazzjoni mertu ta' dawn il-proceduri – Nigel Borg Cardona ghas-socjetà attrici ddikjara li *il-konvenut nafu ghax kien klijent tas-socjetà attrici. Il-konvenut kien jordna prodotti minghandna u ahna konna naghmlulu fil-post tax-xoghol tieghu jigifieri fil-farm. Kien jordna packaging biex fuqu jitqieghed il-bajd halli jkun jista' jinbiegh fil-hwienet. Peress li Calleja ma kellux VAT registration number l-invoice kienet tohrog fuq il-farm. Madanakollu responsabbli ghall-hlas kien il-konvenut. Il-konvenut kien jigi jaghmel l-ordnijiet b'mod verbali u kif spjegajt l-invoice kienet tohrog fuq il-farm jigifieri St. Joseph Farm Limited izda l-hlasijiet kien jaghmilhom Calleja*. *… Sid il-farm in kwistjoni huwa sa' fejn naf jien n-nannu tal-konvenut li jismu Zakkarija Calleja. Meta kien ser jigi attwat l-arrangament li kien hemm dwar il-packaging tal-bajd, Zakkarija Calleja kien qalli li hu ma kienx ser ikun bl-ebda mod responsabbli ghall-hlasijiet lis-socjetà attrici. Meta imbaghad ergajt kellimtu fuq l-ammont li lahaq tela' hu fakkarni li ma kienx ser ikun responsabbli ghall-hlasijiet.*

Ghalkemm Nigel Borg Cardona xehed illi ghall-hlasijiet tal-kaxxi tal-bajd kien responsabbli l-konvenut personalment, mir-ri-ezami tieghu hareg li din hija mera assunzjoni li huwa ghamel: *qed nigi mistoqsi f'liema kapacità l-konvenut kien qed jixtri l-packaging tal-bajd minghandna, nghid li jiena qed nassumi li qed jixtri f'ismu personali peress li huwa kien iqassam il-bajd fil-packaging hu stess. Sa' fejn naf jiena dan il-bajd huwa kien jixtrih minn St. Joseph Farm. Fil-verità jiena l-ircevuta mahruga minn St. Joseph Farm tal-bajd qatt ma rajt u qed nassumi li kien jixtri*. Din l-assunzjoni ta' Nigel Borg Cardona ma tirrizultax

[7] Fok. "FC5" a fol. 41 tal-process.

debitament konfortata minn xi prova ohra ghaliex ghalkemm Zakkarija Calleja – prorpjetarju ta’ St. Joseph Farm – xehed illi l-konvenut kien jixtri l-bajd minghandu biex imbaghad imur ibieghu fil-hwienet, l-istess Calleja ma pprezentax u del resto lanqas intalab jipprezenta fattura jew fatturi bhala prova ta’ dan l-allegat negozju tal-bejgh tal-bajd bejn is-St. Joseph Farm u l-konvenut. Il-fatt li kien il-konvenut linkien jaghmel l-ordnijiet tal-kaxxi tal-bajd minghand is-socjetà attrici ma jfissirx necessarjament li huwa kien qed jaghmel tali ordnijijet f'ismu personali.

Ghalkemm ukoll Nigel Borg Cardona jghid li l-hlasijiet kienu jsiru mill-konvenut is-socjetà attrici ma ressqet l-ebda prova – f’forma ta’ ricevuta jew xort’ ohra – li dawn il-hlasijiet kienu qed jigu addebitati lill-konvenut personali u mhux lil St. Joseph Farm fuq il-kont bir-referenza STJONX fuq min kienu qed jinhargu l-fatturi. B’hekk in verità minkejja dak affermat minn Nigel Borg Cardona ma hemmx prova, imqar *prima facie*, li l-hlasijiet effettivament kienu qed isiru mill-konvenut f’ismu personali u di più li s-socjetà attrici kienet qed taddebita dawn il-hlasijiet lill-istess konvenut. Jigi osservat illi r-raguni moghtija minn Nigel Borg Cardona biex jispjega u jiggustifika l-fatt li l-fatturi ghall-kaxxi tal-bajd tal-plastic akkwistati minghand is-socjetà attrici inhargu fuq St. Joseph Farm u mhux fuq il-konvenut f’ismu personali ma hijiex accettabbli, partikolarment mill-aspett legali, in kwantu dik it-tip ta’ fattura qatt ma kellha tinhareg kemm-il darba verament in-negozju kien konkluz bejn is-socjetà attrici u l-konvenut f'ismu personali. Ghalhekk jigi ribadit li mid-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici stess ma jirrizultax, imqar fuq bazi *prima facie*, li l-konvenut fil-kwalità tieghu personali kien materjalment involut fin-negozju li ta lok ghall-obbligazzjoni mertu ta’ dawn il-proceduri.

Fix-xhieda in subizzjoni l-konvenut iddikjara li fiz-zmien in kwistjoni huwa kien semplicement impjegat ta’ St. Joseph Farm Limited, fatt dan debitament ippruvat bl-FS3 ghas-snin 2004 sa' 2009 (senjatament sat-30 ta' Settembru 2009) esebiti bhala dokumenti Dok. "FS1" sa' Dok. "FS5" a fol. 33 sa' 36 u 41 tal-process, u li kien ibiegh il-bajd ghan-nom tal-farm u mhux f’ismu personali u ghalhekk il-

kaxxi tal-bajd tal-plastic li huwa kien jordna minghand is-socjetà attrici kien jordnhom ghan-nom ta' St. Joseph Farm Limited u mhux f'ismu personali. Jispjega wkoll li mill-bejgh tal-bajd huwa kien jiehu biss *commission* ta' madwar zewg jew tlett centezmi fuq kull pakkett bajd li kien biegh. Zakkarija Calleja invece jikkontendi li l-konvenut kien jixtri l-bajd minghandu u imbaghad kien imur ibieghu u li ghalhekk hu jew ahjar is-socjetà St. Joseph Farm Limited ma ghandha xejn x'taqsam ma' l-ordni u konsegwenti hlas tal-kaxxi tal-bajd tal-plastic konsenjati mis-socjetà attrici. Huwa jikkontendi li kien dahal f'dan l-arrangament mal-konvenut u ma' xi nies ohra li kienu jqassmu l-bajd ghaliex ma riedx izomm iktar kontrolli: *huwa veru li fil-bidu l-kartun tal-bajd kont nixtrih jiena ghan-nom tas-socjetà tieghi, madanakollu kont iddecidejt li ma ridtx inzomm iktar kontrolli u allura lil min kelli jigi jixtri l-bajd minghandi kont ghedtilhom biex jiehdu hsieb jixtru l-kartun tal-bajd huma. Jiena dan ghamiltu fil-konfront tal-konvenut kif ukoll fil-konfront ta' nies ohra li jigu jiixtru l-bajd minghandi. Nikkonferma li ghandi socjetà jisimha St. Joseph Farm Ltd.*[8]

Huwa evidenti li Zakkarija Calleja u l-konvenut jaghtu zewg verzjonijiet differenti tar-relazzjoni lavorattiva ta' bejniethom fir-rigward tal-bajd u l-bejgh tieghu. Kif già iktar 'l fuq osservat però il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Zakkarija Calleja - xhud prodott mis-socjetà attrici in sostenn tal-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut - ma tirrizultax ikkoroborata minn xi fattura jew dokument iehor li juri li bhala fatt il-konvenut kien jixtri l-bajd minghand Calleja jew ahjar is-socjetà tieghu u mhux semplicement iqassam tali bajd ghan-nom tas-socjetà u jiehu *commission* fuq il-kaxxi tal-bajd effettivament mibjugha u konsenjati. L-inverosimiljanza ta' dak affermat minn Zakkarija Calleja tirrizulta minn zewg fatturi ohra li fil-fehma tal-Qorti huma ferm importanti: ghalkemm Zakkarija Calleja jghid li ma riedx izomm iktar kontrolli huwa xorta accetta li l-konsenji tal-kaxxi tal-bajd tal-plastic ordnati minghand is-socjetà attrici mill-konvenut jigu fatturati fuq il-farm tieghu u specifikatament fuq il-kont tal-

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2001 a fol. 27 sa' 30 tal-process.

farm mas-socjetà attrici u wara li l-konvenut temm l-impjieg tieghu mieghu fit-30 ta' Settembru 2009, Zakkarija Calleja baqa' jaccetta u jircievi l-konsenji tal-kaxxi tal-bajd tal-plastic minghand is-socjetà attrici ghalkemm dawn kienu qed jidhru fuq Francesco ossia l-konvenut.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jigi ribadit illi mill-provi prodotti ma jirrizultax, imqar fuq bazi *prima facie*, li l-konvenut fil-kwalità tieghu personali kien materjalment parti fin-negozju li skond is-socjetà attrici holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. B'hekk l-eccezzjoni tal-konvenut li fil-kwalità tieghu personali qatt ma akkwista u xtara merkanzija minghand is-socjetà attrici u li ghalhekk ma huwiex il-legittimu kontradittur taghha, b'dana li ghandu jigi liberat mill-oservanza tal-gudizzju hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha. Raggunta din il-konkluzjoni ma huwiex mehtieg li l-Qorti tidhol fil-meritu ta' l-azzjoni in ezami.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni sollevati mill-konvenut  u filwaqt li tiddikjara li ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici tillberah mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mis-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------